

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Teħid Ta' Azzjoni Legali](#) > [Sistemi Legali - Tal-UE U Nazzjonali](#) > [Qrati Speċjalizzati Nazzjonali](#) > Poland

## Qrati speċjalizzati nazzjonali

Il-kontenut ipprovdut minn  
Polonja

Polonja



Din it-taqsimha tagħtik informazzjoni dwar l-organizzazzjoni tal-qrati speċjalizzati fil-Polonja.

### Qrati speċjalizzati

Hemm diversi qrati u tribunali speċjali fil-Polonja.

#### Qorti Suprema (Sąd Najwyższy)

Il-Qorti Suprema hija l-ogħla awtorità ġudizzjarja. Hija teżerċita sorveljanza ġudizzjarja fuq id-deċiżjonijiet tal-qrati l-oħrajn kollha, u tiżgura l-konsistenza fl-interpretazzjoni tal-liġijiet u tal-prassi ġudizzjarja.

Il-Qorti Suprema mhijiex qorti komuni. Hija tistħarreġ il-każijiet fil-kassazzjoni u f'appelli kontra sentenzi tal-qrati; u tadotta riżoluzzjonijiet immirati li jiċċaraw id-dispożizzjonijiet legali li jqajmu d-dubji jew li l-applikazzjoni tagħhom tikkawża disparitajiet fit-teħid ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji. Hija tadotta wkoll riżoluzzjonijiet li jsoġu mistoqsijiet legali riferiti lilha f'konnessjoni ma' każijiet speċifiċi.

Il-Qorti Suprema Pollakka (Sąd Najwyższy) tippubblika d-deċiżjonijiet tagħha, bil-motivazzjonijiet, fis-sit elettroniku tagħha, [Il-Qorti Suprema Pollakka](#), li huwa wkoll disponibbli bl-Ingliż.

#### Tribunal Kostituzzjonali (Trybunał Konstytucyjny)

Fis-sistema legali Pollakka, it-Tribunal Kostituzzjonali (Trybunał Konstytucyjny) ma jittqiesx bħala qorti komuni.

It-Tribunal Kostituzzjonali jaġġudika:

- Dwar il-kostituzzjonalità tal-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-ftehimiet internazzjonali
- Dwar il-konformità tal-leġiżlazzjoni nazzjonali ma' ftehimiet internazzjonali rratifikati, li r-ratifika tagħhom hija meħtieġa qabel l-approvazzjoni mill-Parlament
- Dwar il-konformità mal-Kostituzzjoni ta' regolamenti legali maħruġa minn awtoritajiet ċentrali tal-istat, ftehimiet internazzjonali rratifikati u Atti leġiżlattivi
- Dwar il-kostituzzjonalità tal-għanijiet jew l-attivitajiet tal-partiti politiċi
- Dwar ilmenti kostituzzjonali.

Id-deċiżjonijiet tiegħu jiġu kollha ppubblikati, flimkien mal-motivazzjonijiet, fuq is-sit elettroniku tal-[Qorti Kostituzzjonali tal-Polonja](#), li huwa wkoll disponibbli bl-Ingliż.

#### Tribunal tal-Istat (Trybunał Stanu)

It-Tribunal tal-Istat (Trybunał Stanu) jaġġudika każijiet li fihom il-persuni li jokkupaw (jew li okkupaw) l-ogħla pożizzjonijiet fl-istat huma mixlija bi ksur tal-Kostituzzjoni jew Atti oħrajn leġiżlattivi.

Tista' ssib aktar informazzjoni fuq is-sit elettroniku tat-[Tribunal tal-Istat Pollakk](#).

## Qrati amministrattivi

Is-sistema tal-qrati amministrattivi tinkludi l-Qorti Amministrattiva Għolja (Naczelny Sąd Administracyjny) u l-qrati amministrattivi reġjonali – waħda għal kull provinċja (wojewódzkie sądy administracyjne).

Il-Qorti Amministrattiva Għolja:

- Tiddeċiedi dwar jekk ir-riżoluzzjonijiet tal-korpijiet governamentali lokali, jew l-atti regolatorji tal-awtoritajiet provinċjali tal-amministrazzjoni tal-istat (terenowe organy administracji publicznej), humiex konformi mal-liġi
- Tiddeċiedi dwar ilmenti kontra deċiżjonijiet amministrattivi; dwar deċiżjonijiet maħruġa fi proċedimenti amministrattivi b'risposta għal ilmenti (jew tikkonkludi dawn il-proċedimenti); u dwar deċiżjonijiet li jistgħu jiġu appellati fuq bażi tal-mertu tal-kawża
- Taġġudika dwar xi riżoluzzjonijiet ta'awtoritajiet muniċipali jew ta' assoċjazzjonijiet ta' dawn l-awtoritajiet
- Tagħti risposti dwar mistoqsijiet legali sottomessi għall-kunsiderazzjoni tagħha mill-korpijiet governamentali lokali tal-appell.

Il-Qorti Amministrattiva Suprema ppubblikat id-deċiżjonijiet kollha tagħha, flimkien mal-motivazzjonijiet, sa mill-1 ta' Ottubru 2007. Id-deċiżjonijiet aktar antiki għadhom qed jiżdiedu fil-bażi tad-dejta. Is-sit elettroniku tal-Qorti huwa disponibbli biss bil-Franċiż.

[Il-Qorti Amministrattiva Suprema](#) (Naczelny Sąd Administracyjny) tippublika d-deċiżjonijiet tagħha, flimkien mal-motivazzjonijiet, fuq is-sit elettroniku tagħha.

---

L-aħħar aġġornament: 28/08/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.